MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1002/2005

**Maltacom p.l.c. - C22334**

**Vs**

**Emanuela Camilleri - I.D. 62956M**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ sitt mija u disgha u hamsin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm659.36c) rapprezentanti servizz telefoniku bin-numru 21347421 liema servizz gie nstallat fil-fond ‘Paradise’ flat/2, Triq San Albert, Gzira skond diversi kontijiet mibghuta lilha.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra illi l-konvenuta Emanuela Camilleri, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici.

Sema' lil Dr Keith Grech jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u disgha u hamsin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm659.36c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------